2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Marzu 2002, dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq, ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi imposti fuqu bis-saħħa ta' din id-direttiva.

2) Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat ibati l-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-28 ta' Ġunju 2007 — Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Portugiża

(Kawża C-410/06)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2002/15/KE — Organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst"

1. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed in kunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 10)*

2. *Stati Membri — Obbligi — Implementazzjoni tad-direttivi — Nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Ġustifikazzjoni bbażata fuq is-sistema interna — Inammissibbiltà (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 11)*

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Marzu 2002, dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq (ĠU L 80, p. 35).

Dispożittiv

1) Peress li ma adottatx, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi neċessarji kollha sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Marzu 2002, dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq, ir-Repubblika Portugiża naqset mill-obbligi li hija għandha skond din id-Direttiva.

2) Ir-Repubblika Portugiża hija kkundannata tbati l-ispejjeż.